MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1726/1999/1

**Michael u Maria Yvonne konjugi Morino**
**vs.**
**Nicholas u Alexandra konjugi Aquilina u b'digriet tat-22 ta' Settembru 1999 giet kjamata in kawza is-socjeta' Ballut Blocks Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fis-27 ta' Lulju, 1999, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma ko-proprjetarji flimkien tal-fond taghhom msejjah "Casa Sant Anna" fi Triq Apap Bologna, f'Marsaskala, f'numru 18, liema fond jmiss ma u huwa retropost ghall-fond tal-konvenuti in fazi ta' kostruzzjoni, llum avvanzata msejjah, "Blue Water" fi Triq il-Maghluq f'Marsaskala;

Illi fil-kors tal-kostruzzjoni l-konvenuti skavaw b'makkinarju kbir u tqil il-blat li jigi taht parti mill-pedamenti tal-fond tal-atturi,  b'mod li, mhux talli ma zammewx id-distanza li titlob l-ligi, talli minghajr ma osservaw ir-regoli tasena u l-arti, dahlu sahansitra taht l-istess pedamenti tal-fond tal-atturi meta qatghu l-blat, f'fond ta' aktar minn sular 'l isfel u kkagunaw u kkagunaw danni konsiderevoli fil-fond tal-atturi;

Illi tali danni hallew l-effett taghhom fuq il-fond tal-atturi fuq indikat, u ghadhom jaghmlu hekk sal-gurnata tal-lum, b'mod li aktar ma jghaddi zmien aktar qed jidher l-effett ta' tali danni;

Illi l-aktar danni gravi kkawzati jikkonsistu fil-hsara li saret fil-kmamar tal-Banju fis-sular ta' isfel u ta' fuq u li jigu ezatt fuq l-iskavar li kien sehh mill-konvenuti, barra hsarat ohra f'inhawi ohra hekk vicin;

Illi tali danni jeccedu l-figura ta' elf lira Maltin u liema danni l-konvenuti dejjem naqsu li jersqu biex jillikwidawhom jew li biex jaccettaw kwalsijasi proposta bonarja li saret mill-atturi u l-partijiet ghadhom sal-lum ma jridux jassumu responsabbilta ghad-danni sofferti mill-atturi;

Talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara li l-atturi sofrew danni kkawzati mill-konvenuti meta dawna skavaw kontra l-ligi, u mhux skond is-sengha u l-arti;
2. telenka d-danni sofferti mill-atturi bi htija tal-konvenuti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenuti jaghmlu dawk ir-riparazzjonijiet kollha mehtiega biex jirrimedjaw ghad-danni sofferti mill-atturi, fi zmien qasir u perentorju; u
4. fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jezegwixxu huma x-xoghol ta' riparazzjoni, mehtieg li jsir, okkorrendo taht id-direzzjoni ta' periti nominandi, a spejjez tal-konvenuti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-18 ta’ Jannar 1999, u ta’ dawk tal-protest ufficjali tat-12 ta’ Gunju 1998,kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti m’ghamlu ebda skavar fil-fond “Blue Waters”, Triq il-Maghluq, Marsaskala;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-iskavar li sar, sar mis-socjeta’ Ballut Blocks Ltd, li ghalhekk ghandha tigi kjamata fil-kawza;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f’kull kaz l-eccipjenti jichdu li l-iskavar ma sarx skond is-sengha u l-arti;
4. Illi l-eccipjenti qeghdin jikkontestaw li l-iskavar ikkawza xi hsara fil-propjeta ta’ l-atturi li hija propjeta antika u ghandha nuqqas ta’ manutenzjoni;
5. Illi minghajr preguduzzju ghall-premess, u f’kull kaz, kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi dak li qeghdin jippretendu l-atturi jeccedi bil-bosta dak li effettivament hemm bzonn. F’materja ta’ danni l-principju hu illi min ibati xi hsara ghandu jaghmel dak kollu li jista biex inaqqas il-hsara;

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Settembru 1999 li permezz tieghu laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta’ Ballut Blocks Ltd;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Settembru 1999 li permezz tieghu hatret lill-Perit Frederick Doublet bhala perit tekniku;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza Ballut Blocks Limited, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi kwantu diretti lejn is-socjeta' msejjha fil-kawza, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi hi ma kkawzat l-ebda danni lill-atturi, u x-xoghol maghmul minnha sar fuq struzzjonijiet specifici u taht is-sorveljanza ta' perit tekniku mahtur mill-konvenuti;
2. Illi, bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti mhix il-legittimu kontradittrici tat-talbiet attrici, u ghalhekk ghandha tigi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju a spejjez ta' min sejhilha fil-kawza;
3. Salvi eccezzjonijiet ohrajn;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' kjamata in kawza Ballut Blocks Limited;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 1999 li permezz tieghu il-partijiet qablu illi ir-rapport tal-perit tekniku jitqies daqs li kieku gie mahluf mill-kompjant Perit Frederick Doublet, illi sfortunatament miet qabel ma lahaq halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku, li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Lulju 2008;

Rat illi l-perit tekniku ghamel is-segwenti kostatazzjonijiet fir-rapport tieghu :

"Konstatazzjonijiet :

Illi l-esponent waqt l-accessi, minhabba dak li jidher fir-ritratti li ha, ghamel notamenti tal-ilmenti tal-atturi u tal-konstatazzjonijiet tieghu kif isegwi;

8.1 Illi fl-ewwel access tat-13 ta' Marzu, 2003, l-esponent gie muri s-segwenti lmenti mill-atturi. F'access iehor instab li xi difetti gew irrangati mill-atturi u dawnhuma murija b'ittri italici :

**Pjan Terren**

*1. Numru ta’ konsenturi fil-hajt ta’ wara tal-bitha interna;*
2. *Konsenturi fis-soll tat-tieqa tas-salott;*
3. *Kunjardi mac-cavi tat-tieqa tas-salott – l-istess tieqa esebiet diffikolta biex tinghalaq peress li thokk mal-‘frame’ ta’ taht;*
4. *Fir-rokna tas-salott mal-bitha interna l-attur allega li bidel zewg madumiet peress li xxaqqu. L-iskirting kien imxaqqaq izda ma bidlux ghax gie mghotti bil-pultiera;*
5. *Fis-salott kien hemm ukoll konsenturi fil-hitan taht is-soll tat-tieqa;*
6. *Konsenturi djagonali mtarrga fil-hajt bejn is-salott u l-garaxx, bir-replika taghha n-naha tal-garaxx;*
7. *Mill-irkejjen tal-fetha tal-‘landing’ kien hemm ‘hair cracks’ djagonali fis-saqaf; (Dawn saret iz-zebgha fuqhom izda regghu infethu).*

8. sa 11. Fil-kamra tal-banju kien hemm 3 madumiet mxaqqa.

9. Madum imbewwaq il-barra.
10. Konsenturi djagonali mtarrga mal-madum tal-hajt ta’ mal-kcina, u kien hemm numru ta’ madum li meta jittaptap jistema vojt tahtu.
11. Kien hemm moffa fl-angoli bejn il-hajt tal-bitha u s-saqaf, izda ma kienx hemm umdita fis-saqaf.
12. *Fil-kcina (12 sa 14) kien hemm konsentura replica tal-kamra tal-banju.*
13. *konsenturi djagonali mal-hajt ta’ mal-bitha nterna minn fuq / xellug (thares mill-kcina), sa isfel / lemin.*
14. Is-soll tat-tieqa ghall-bitha ta’ wara kellha madum tac-ceramika maqsum.
*15. Fil-bitha (15 sa 19) kein hemm konsenturi mas-soll tat-tieqa tal-kcina mix-xifer tal-gallerija l-isfel fil-hitan divizorji taz-zewg nahiet.*
*16.* il-madum tal-art kelli fili miftuhin.
*17.* kien hemm fil miftuh u spustar vertikali tal-madum minn quddiem ghal wara fuq is-saqaf tal-bir, liema bir kien jokkupa nofs il-bitha fuq ix-xellug (thares mit-triq);
*18. Il-bir skond l-attur kien gie msewwi, u illum jinsab mimli bl-ilma;*

*19. Kunsenturi fil-hitan divizorji ta' kull naha taht it-tarftal-gallerija. Il-konvenut jasserixxi li fuq in-naha tal-plot tieghu dawn kienu jezistu minn qabel ma sar it-tahfir.*

**Fit-tieni sular (first floor)**

*20. Fl-ewwel sular fil-kamra tas-sodda ta' quddiem kien hemm fil tal-madum miftuh*
*21. u konsentura vertikali fir-rokna bejn il-hajt divizorju u l-hajt ta' mal-kamra tas-sodda B/rm2;*
*22. Fil-kamra tas-sodda B/rm2 kien hemm madum tac-ceramika mxaqqa fis-soll tat-tieqa, u saru 2 kunjardi fil-fili tal-cavi tal-blata tat-tieqa, kif saru fi-blata tat-tieqa tas-salott ta' tahtha, kien hemm konsentura rqieqa fis-soll tat-tieqa;*
*23.* **Fil-kamra tal-banju xi whud mill-madum itaptap.**
*24.* **Xi madum tal-hajt in-naha ta' fuq dehru mbewwqa.**
*25.* **L-attur ilmentali kien jidhol l-ilma mill-hajt tal-bitha.**
*26.* **Fil-kamra tal-banju blokka ta' madum giet imnehhija mill-hajt ta' ma B/rm 2 ghax allegatament kienu ser jaqghu;**
*27.* **u kien hemm maduma mxaqqa fis-soll tat-tieqa.** (23 sa 27 – Il-kamra tal-banju giet kompletament refurbished).
*28. Fil-B/rm 3 ta' wara kien hemm konsentura rqieqa mal-hajt tal-kamra tal-banju.*
*29. Fit-terrazzin kien hemm konsenturi rqaq hdejn il-kantuniera ta' wara, kemm fil-hajt ta' wara.*
*30. u fil-hajt tal-genb tal-kamra B/rm3.*
*31. Konsenturi rqaq fil-hajt tal-bitha nterna mal-kmamar tal-banju, li l-konvenut jasserixxi li kienu jezistu minn qabel l-eskavazzjoni.*
*32. L-istess mal-hajt intern tal-hajt divizorju mal-konvenut fil-bitha, li l-konvenut jasserixxi lil kienu jezistu minn qabel l-eskavazzjoni.*

8.2 Illi l-esponent zamm zewg accessi ohra fuq il-fond in kwistjoni u fihom ra l-hwejjeg li gew irrangati

specifikatament dawak b'ittri italici fil-paragrafu precedenti.

8.3 Inkwantu ghall-ilmenti u konstatazzjonijiet ohra rizultanti waqt dawn iz-zewg accessi;

33. L-attur ilmenta minn tnixxija ta' ilma fl-art tal-kamra tal-banju (ta' fuq) u qal li kellu kanna fil-hajt in-naha ta' isfel.
34. Fil-bitha tieghu il-konvenut indika konsenturi (in-naha tal-konvenut) fil-hajt tal-bitha nterna tal-atturi. Il-konvenut allega li dawn il-konsenturi kienu hemm qabel ma beda jhaffer u kien hadilhom xi ritratti.
35. Indika wkoll xi konsenturi fil-hajt divizorju ma terzi fil-bitha tieghu li kienu ezistenti qabel qatghu l-blat u kellu numru ta' konsenturi li wkoll kienu hemm qabel ghamel l-eskavazzjoni.
36. Il-Perit Tekniku gie muri l-iskylight li kellu xi "glass block" imxaqqa u muri fejn l-atturi qalu li kien jidhol l-ilma.

Fit-tieni u t-tielet accessi l-esponent gie muri wkoll xi kmamar ohra fejn l-atturi kienu diga bidlu kamra tal-banju u xi madum f'xi kmamar.

Il-Perit Tekniku gie muri fejn l-atturi bajjdu u rrangaw xi hwejjeg u lmenti u zamm noti tal-istess b'referenza ghal dak li kkonstata waqt l-ewwel access tat-13 ta' Marzu 2003.

## 9.0 Disinn tal-esponent

Illi l-esponent ipprepara dizinn skematiku, **Drg. No. 3527-1**, li juri t-tqassim tal-post u l-lokazzjoni tad-difetti, u li hu anness ma din ir-relazzjoni. Ghalkemm fejn hu rilevanti gie mkejjel xi partijiet ohra, partikolarment in-naha ta' wara tal-atturi ma tkejjilx u ghalhekk fid-dizinn mhuwiex a skala izda biss approssimattiv.

9.1 Fuq dan id-dizinn l-esponent indika bin-numri relattivi l-post fejn huma l-affarijiet imsemmija fil-paragrafi (8.0 et seq).

9.2 Huwa indika wkoll b'arji ttikkjati l-estensjoni approssimattiva tal-hsarat li jistghu ikunu attribwiti lill-eskavazzjoni fil-plot tal-konvenut. Il-limiti approssimattivi jinsabu f'cirka tlett metri (3m) orizzontali boghod minn fejn jasal il-qtugh koncernat hlief ghall-undercutting li hu pied (405mm) aktar mit-tlett metri minn wicc il-hajt divizorju.
9.3 Huwa indika wkoll l-eskavazzjoni fil-fond tal-konvenuti l-aktar vicina tal-hajt divizorju bejn il-kontendenti, u dan, inkwantu ghall-eskavazzjoni sa 2'6" boghod minn wicc il-hajt b'linji mmejjlin (*slanted line hatching)*, u inkwantu ghaz-2'6" ta' mal-hajt, b'linji msallbin (*cross hatching).* Indika wkoll b'linja kurvata taht il-hajt il-pozizzjoni approssimattiva tal-*undercutting.*
9.4 Fil-binja tal-atturi huwa indika arji li juru "Limiti ta' arja approssimattiva ta' hsarat possibbilment dovuti ghall-eskavazzjoni, murija ttikkjata".
9.5 Indika ukoll tlett zoni gewwa dawn il-limiti indikati Zona "X", Zona "Y", u Zona "Z", izda dwar dawn l-esponent jittratta aktar l-isfel. L-esponent jirreferi ghar-ritratti li juru wicc il-blat maqtugh. Dawn juru blat li ghandu fissuri u minn kif inqata' ma jidhirx li hu xi blat iebes zonqor, izda pjuttost artab.
9.6 Aktar ma jkun artab il-blat anqas jittrazmetti vibrazzjoni, u l-forza taghha tigi mnaqqsa u assorbita (*dampened*). Meta wiehed jikkonsidra, man-natura tal-blat, il-kwalita u d-daqs tal-musmar tal-ghodda uzata, fl-opinjoni tal-esponent din il-vibrazzjoni ghandha prattikament tintilef fil-wicc orizzontali tal-blat wara tul ta' cirka tlett metri (3m). Dan inkwantu kif jaffettwa l-istruttura tal-atturi ma wicc il-blat, peress li mir-ritratti pediment hemm biss filata (ritratt A ta' Dok RS060127).

**10.0 Dwar DVD Dok FC060601A.**

Illi dan id-DVD gie mubghut lill-esponent mill-ufficju ta' Dottor Frank Cassar, kif kien gie miftiehem, u li l-esponent ircevieh fl-1 ta' Gunju 2006.

10.1 L-esponent ezamina dan id-DVD li juri l-plot tal-konvenut fi stadji minn qabel bdiet l-eskavazzjoni sakemm tlestliet.

10.2 Irrizulta li qabel bdiet l-eskavazzjoni kien hemm konsenturi fil-hitan tal-atturi fejn imissu mal-plot tal-konvenuti kif ukoll fil-hajt tal-kamra tal-banju fejn dan kien jidher l-fuq mill-hajt divizorju tal-bitha, b'mod specjali konsentura mtarrga taht is-soll tat-tieqa tal-kamra tal-banju.
10.3 Inkwantu ghall-wicc il-blat maqtugh dan juri numru ta' bram, u dan mat-tliet nahat tal-eskavazzjoni. (ara wkoll ritratti esebiti partikolarment Dok. NA060127A).

11.0 **L-istat tal-bini tal-atturi qabel l-eskavazzjoni tal-konvenut.**

Illi ssir referenza ghat-tmien (8) ritratti a foli. 55 sa 58 tal-process, minn fejn jidher li fuq in-naha ta' wara tal-atturi, u cioe' l-kamra tal-bejt, u hitan ohra kienu jesibixxu konsenturi u hsara fid-dekorazzjoni u dan qabel bdiet l-eskavazzjoni tal-konvenut.

11.1 A fol. 57, fuq, u f'Doki. RS050110B u C, jidher ukoll kif inqata l-blat **minn terzi** incim ma wicc il-hajt tal-atturi fuq wara tal-atturi, u n-natura tal-blat hija wkol mhux iebsa hafna u xi ftit jew wisq *friable.* Dan il-qtugh incim ma wicc il-hajt tal-atturi jibqa jestendi l-gewwa fil-bini ta' terzi fuq ix-xellug tar-ritratt, sakemm jaghqad mal-qtugh ta' blat tal-konvenuti.
11.2 Izda minn ezami tar-ritratt Dok RS050110C wiehed jikkonkludi, li mhux eskluza l-possibilita' li l-ewwel sar il-qtugh ta' blat ta' terzi, imbaghad saret il-binja tal-atturi. Dan qed jinghad peres li t-tajn u l-konkos bejn il-filata pediment tal-atturi u wicc il-blat, f'xi postijiet jidhru mbewwqin 'l barra, u dawn kieku kienu jinqatghu mal-blat.
11.3 Izda minn naha l-ohra it-*trimming* tal-wicc tal-blat mill-marki tal-ghodda jidher li sar bil-mannarett, bicca ghodda tal-idejn li biha jongru l-gebel. Dan jista jispjega ghaliex it-tajn u l-konkos mbewwaq ma gewx disturbati u thallew fil-post, u allura f'dan il-kaz isegwi li l-binja tal-atturi kienet lesta meta sari l-qtugh ta' blat.
11.4 Naturalment il-qtugh bil-mannarett jghodd biss ghat-*trimming,* ghax il-qtugh general ital-blat f'dawn il-postijiet wiehed ghandu jahseb li sar b'ingenji normalment

uzati ghal dan ix-xoghol, u ghalhekk l-effett tal-vibrazzjoni taghhom setgha jinhass fil-bini tal-atturi.

11.5 Fuq ix-xellug u fuq il-lemin tal-plot tal-konvenuti sar qtugh ta’ blat minn terzi (ara ritratti A u C f’Dok RS060127 u Dok NA060127). Dan il-qtugh ghall-plots adjacenti mal-plot tal-konvenuti jidher ta’ cirka 4 filati fuq ix-xellug u cirka tlett filati fuq il-lemin. Dan minn paragon ma wicc il-blat taht il-hajt divizorju bejn il-partijiet, ghax jekk l-atturi skavaw il-blat taht il-hajt divizorju, l-gholi tal-qtugh fil-plots imsemmija jrid jizdied bl-ammont li qatghu, jekk qatghu, l-atturi.

11.6 Ghalhekk il-binja tal-atturi, minbarra li kellha zmien tistrieh (*settlement*) kienet soggetta ghall-vibrazzjoni ma tul il-hajt divizorju iz-zewg nahiet tal-plot tal-konvenuti qabel ma bdew xogholijiet il-konvenuti.

**12.0 Dwar *undercutting* u qtugh ta’ blat fil-plot tal-konvenuti.**

Illi fid-DVD jidher ukoll xi *undercutting* taht il-hajt divizorju bejn il-partijiet izda dan jidher ahjar fir-ritratti esebiti.

12.1 Fir-ritratti Doki. MM1 u MM2 dan l-undercutting huwa cirka 9” (23cm), izda dan f’post fejn l-aktar imdahhal l-gewwa. Il-medja mal-wisgha tal-plot tal-konvenut hija anqas minn hekk.

12.2 Fir-ritratt 7 u 8 mal-affidavit tal-konvenut, meta wiehed iqabbel id-dritt mal-hajt li qed jilqa l-konkos mal-kurva tal-qtugh ta’ blat jista jara kif ivarja dan l-*undercutting.* Ir-ritratt numru 9 juri l-bram fil-blat.

12.3 Fir-ritratt A, B, u C f’Dok RS060127 jidher il-Fir-ritratt A, B, u C f’Dok RS060127 jidher il-*hymac* li bih inqatgha l-blat tal-konvenut. Dan hu fuq roti tat-*tyres* u mhux tal-katina u ghalhekk waqt li jkun miexi ma jittrasmettix vibrazzjoni sinifikanti peress li t-*tyres* jizolaw il-makkinarju mill-blat.

12.4 Izda minn naha l-ohra fir-ritratt B jidher il-musmar tal-*Hymac* li huwa ta’ certu daqs u ta’ filfors johloq vibrazzjoni hafna aktar minn “*jack hammer*” tal-idejn.

12.5 Illi Pawlu Vella tas-socjeta' kjamata fil-kawza qal a fol. 45 fuq; "Ix-xoghol dam bejn gimghatejn u tlett gimghat u bdejnieh u spiccajnieh minghajr waqfien."

12.6 Naturalment dan kien jinkludi t-tnehhija tal-materjal l-fuq mill-blat. Jekk wiehed jassumi medja ta' gimghatejn u nofs bil-hamest ijiem fil-gimgha, x-xoghol ha cirka tnax / tlettax il-gurnata b'operatur wiehed kemm ghall-qtugh kif ukoll ghat-tindif, li jekk wiehed inaqqas minnhom ghat-tindif, tal-plot mill-materjal ta' fuq il-blat, jibqa cirka ghaxart ijiem jew 80 siegha ghall-qtugh tal-blat.

12.7 Dan il-qtugh ta' bilfors kien interrott minn zmien ghal zmien biex jitnaddaf u jitghabba l-blat maqtugh u jittiehed l-barra bit-trakkijiet, u ghalhekk iz-zmien effettiv tal-qtugh ikompli jonqos b'xi 20% ghal cirka 64 siegha. Dawn l-64 siegha jinkluxu l-hin uzat fil-manuvrar, meta l-*operator* mexxa l-*Hymac* minn punt ghal punt ta' qtugh hdejn xulxin, warrab bil-ponta l-bicciet ta' blat minn nofs, u kull darba ippozizzjona ruhu biex jaqta. Dan jirriduci l-figura ta' 64 siegha bi 33% ghal cirka 43 siegha ta' vibrazzjoni.

12.8 Fl-opinjoni tal-Perit Tekniku qtugh li setgha jaffettwa sinifikatament lill-binja tal-atturi ma setghax kien aktar il-boghod minn cirka 3 metri minn wicc il-hajt divizorju. Vibrazzjoni li ccaqlaq il-"figorini" fuq l-ghamara mhijiex se taffattwa l-istruttura. Kieku hekk, mit-toroq ma jkunux jistghu jghaddu karozzi tal-linja u trakkijiet.

12.9 Il-kont ta' Ballut Blocks Limited anness mal-affidavit tal-konvenut isemmi figura ta' 499 jardi kubi qtugh ta' blat. Il-parti koncernata hija l-eskavazzjoni ta' wara (inkluz l-*undercutting)* u cioe' cirka (10' x 19'10.5" x cirka 13') /27 = cirka 95.7 jardi kubi, li jirrapprezentaw 95.7/499 = 19.192% tal-eskavazzjoni u allura hin ta' 19.192% ta' 43 siegha = cirka 8.25 siegha netti (qtugh ta' blat b'vibrazzjoni kontinwa) li setghu affettwaw l-istruttura tal-atturi, u cioe', fl-opinjoni tal-esponent **mhux aktar minn ghaxar (10) sieghat vibrazzjoni kontinwa.**

12.10 Dan il-hin izda huwa priv minn *harmonic resonance* (li tiddependi mill-hin ta' vibrazzjoni minghajr waqfien) u li setghat tamplifika l-effetti ta' vibrazzjoni li anke tista tikkawza strutturi kbar(bhal *bridges*) jiggarrfu, peress li l-qtugh attwali jkun interrott il-hin kollu ghal manuvrar tal-musmar ma wicc il-qatgha.

**13.0 Dwar iz-2'6" (76cm.)**

Illi l-Artiklu 439 tal-Kap. 16 tal-Kodici Civili jispecifika distanza ta' 76cm. mill-hajt divizorju ghall-eskavazzjoni ghal kwanunkwe raguni. Mil-latt tekniku wiehed jifhem li din id-distanza hija specifikata sabiex tissalvagwarda l-istabilita tal-hajt, ghalkemm f'artikolu 440(1) hemm li minkejja z-zamma ta' din id-distanza, xorta wahda min jikkawza hsara lil gar irid jaghmel tajjeb ghall-istess hsara, **"provided such building has been constructed according to the usages and the rules of art prevailing at the time of its construction."**

*13.1* Fil-kaz in ezami, mhux talli ma nzammux is-76cm. (2'6") izda l-eskavazzjoni baqghet sejra sa **taht** il-hajt divizorju *(undercutting).*
13.2 Fl-affidavit taghha l-konvenuta Alexandra Aquilina qalet a fol. 37 ta' dan ir-rapport;
"3. Kif l-iskavar kien wasal boghod ta' ftit piedi mid-dar ta' Morino, jiena flimikien mal-perit taghna Joseph Zerafa Boffa morna ghand is-Sinjuri Morino **biex nitolbu permess halli nkomplu t-tqattiegh mad-dar taghhom. Kien hemm is-Sinjura Morino d-dar li mall-ewwel tatna l-kunsens taghha biex it-tqattiegh ikompli mall-plot taghhom.**
Dak il-hin stess jiena u l-Perit dhalna fil-bitha nterna ta' Morino, biex il-perit taghna jara kienx hemm xi hsarat f'din il-bitha u huwa mal-ewwel innota li l-hajt appogg maghna kien mimli *hairline cracks."*
13.3 A fol. 25 ta' dan ir-rapport il-Perit Joseph Zerafa Boffa (tal-konvenuti) qal :
"Meta mort ma Mrs Morino l-ewwel darba kienu gew, Mrs Aquilina u l-istess Mrs Morino.
**Mrs Morino u Mrs Aquilina dakinhar quddiemi ftehemu li l-iskavar ma kellux ghalfejn jirrispettat d-distanzi regolamentari, imma setgha jibqa diehel."**
u f'paragrafu (5.19), in kontroezami :
"Jien kont nghid il-Ballut Block kemm kellhom jinzlu.
Jien kont kellimt lil Mrs Aquilina dwar li jridu jithallew iz-zewg peidi u nofs u kont prezenti wkoll meta Mrs Aquilina u Mrs Morino ftehmu li ma jigux irrispettati z-zewg piedi u

nofs, **izda ma kontx jien li fizikament tajt l-ordni lill-Ballut Blocks.**

Ri-ezami :

Dan id-diskors dwar iz-zewg piedi u nofs bejn Mrs Aquilina u Mrs Morino sar l-ewwel darba li mort fid-dar ta' Mrs Morino.

Mrs Aquilina kont ghidtilha dwar iz-zewg piedi u nofs meta giet l-ufficju.

Niftakar li l-ftehim kien sar dwar iz-zewg piedi u nofs imma ma niftakarx dettalji.

Mrs Aquilina kienet qajmet iz-zewg piedi u nofs.

Dan il-ftehim ma sarx bil-miktub. Il-ftehim kien verbali u mhux jien ipproponejtu.

13.4 L-attrici qalet a fol. 39 ta' dan ir-rapport;
"Nikkonferma wkoll li **dawn qatt ma kellmuni dwar distanzi legali tat-tahfir.**
Ahna qatt ma lmentajna maghhom dwar xi hsarat.
**Ma niftakarx li giet il-mara tal-konvenut meta gie l-Perit Zerafa Boffa u konna jiena u t-tifel.** Ir-ragel ma kienx hemm.
Lill-konvenuta jien qatt ma kellimtha.
**Moqrija lili x-xhieda tal-Perit Zerafa Boffa jiena ninnega li sar ftehim mal-konvenuta dwar distanza mill-hajt.**
**Naf li l-perit qalli li mhux ser jhaffru mal-hajt taghna izda aktar l-barra.** Jiena fhimt b'hekk li ser jhaffru vicin it-triq."
13.5 A fol. 40 ta' dan ir-rapport Andrew Debono qal :
"Il-Perit ta' sid il-plot (Perit Zerafa Boffa) kien qalli biex naqta' vicin mal-appoggi u dan **wara li kont qtajt u ttrimmjajt 2'6" l-boghod mill-hitan.** Jiena ma jidhirlix li kellimt lill-hadd izdfa bdejt nimxi kif qalli l-perit tal-konvenut.

Meta mort fuq il-post fil-bidu ma niftakarx li kellimtni xi hadd. Niftakar li qabel ma kien hemm xi terrapien u hammilnieh. Nghid li iz-2’6” **halljethom** mad-dawra tal-bir.”

13.6 Dan ifisser li mal-hajt divizorju mal-atturi Andrew Debono l-ewwel halla z-2’6” izda mbaghad il-perit tal-konvenuti, (? – ara paragrafu (13.3) fuq), qallu biex jaqta sal-hajt.

13.7 Normalment perit mhux sejjer jiehu decizjoni bhal din minghajr ma jkun kopert minn decizzjoni tal-klijent tieghu. Wara kollox ma kienitx taghmel differenza kbira ghall-progett tal-konvenuti li kieku hallew iz-2’6” mill-hajt tl-atturi. Il-kapacita tal-bir kienet issir l-istess b’aktar fond ta’ tahfir taht il-bitha.

13.8 Mill-provi jsegwi li dwar ir-regolamenti taz-2’6” kulhadd involut kien jaf. Fl-opinjoni tal-esponent, il-konvenut jidher li huwa bniedem attent u mhux li kapriccjozament jikser il-ligi.

13.9 B’dubju jibda jahseb li jista jkun, ghalkemm mhux probabbli, li l-attrici fehmet hazin.

13.10 Pero’ dan ma jaffettwax dak li fehmu l-konvenuta u l-perit taghha. Dan il-perit wara setgha ta jew ma tax struzzjonijiet lill-Andrew Debono biex jaqta’ mal-hajt.

Izda xi hadd qallu biex jaqta iz-2’6” li kien halla qabel.

F’dan il-kuntest wiehed jirreferi ghal dak li qal Pawlu Vella a fol. 46 ta’ dan ir-rapport;

“Dwar iz-2’6” li tkellimt fuqhom fl-ahhar seduta wara li thallew imbaghad gew maqtugha nghid li dawn kienu it-tlett hitan madwar il-bir in-naha ta’ wara. Il-hajt ta’ wara kien mal-proprjeta’ tal-atturi.

Neskludi li dan sar fuq xi inizjattiva tad-driver tal-Hymac izda ma nafx min qallu biex jaghmel hekk.”

13.11 Fl-opinjoni tal-esponent **il-konvenuta inghatat permess** mill-attrici fil-prezenza tal-Perit Zerafa Boffa.

Dan il-permess jezenta l-konvenuti mill-ksur tal-Artiklu 439 ta’ Kap. 16 tal-Kodici Civili, izda mhux mir-risponsabbilita’ ghal kwalunkwe hsara kagjonata minnhom.

13.12 Illi l-konvenuta u l-perit taghha fl-okkazzjoni tal-“ftehim” dwar iz-2’6”, it-tnejn li huma innotaw id-difetti ezistenti fil-bitha interna. Minkejja dan, il-Perit Zerafa

Boffa ma oggezzjonax ghall-qtugh taz-2'6" anzi Andrew Debono qal li kien il-Perit tal-konvenuta li qallu jaqta iz-zewg piedi u nofs blat ta' mal-hajt divizorju, haga li l-Perit Zerafa Boffa ma qabilx maghha – xi hadd minnhom nesa.

13.13 Dwar ic-comb fl-opinjoni tal-Perit Tekniku huwa aktar facli, fi plot ta-konfigurazzjoni tal-plot tal-konvenuti, li wiehed izomm ic-comb fil-qtugh (*trimming*) tal-gnub tal-eskavazzjoni milli tal-wicc ta' wara. Dan peress li meta jsir it-*trimming* tal-gnub ix-xufier ikun pjuttost imgenneb ghal fejn ikun qed jaqta taht il-hajt izda fuq wara jkun aktar kartabun (*at right angles*) u ghalhekk ikun hafna aktar difficli biex jistma ic-comb fuq ghajnejh mill-faccata milli mill-genb.

**14. Risponsabbilta ghall-hsarat**

Illi l-esponent ghandu jezamina, **dwar hsarat dovuti ghall-eskavazzjoni fil-plot tal-konvenuti**;

(i) Il-proporzjoni generali kontributorja minhabba l-istat tal-bini tal-atturi.

(ii) Il-proporzjoni risponsabbli ghaliha is-socjeta' kjamata fil-kawza, inkwantu ghat-tahfir sa 2'6" minn wicc il-hajt;

(iii) Il-proporzjoni risponsabbli ghaliha is-socjeta' kjamata fil-kawza, inkwantu ghall-qtugh tal-ahhar 2'6" mal-hajt tal-atturi;

(iv) Il-proporzjoni risponsabbli ghaliha il-konvenuti, in kwantu ghall-qtugh tal-ahhar 2'6" mal-hajt tal-atturi;

(v) Il-proporzjoni risponsabbli ghaliha is-socjeta' kjamata fil-kawza, in kwantu ghall-qtugh taht il-hajt divizorju, li aggrava dak tal-qtugh ta' 2'6".

14.1 Illi l-esponent jaghmel referenza ghad-dizinn tieghu, Drg. No. 3527-1 anness ma din ir-relazzjoni, u specifikament ghas-Zoni indikati bl-ittri "X", "Y", u "Z".

14.2 Ibda biex dawn iz-zoni ghandhom estenzjoni differenti, kif imsemmi f'paragrafu (9.2) ta' dan ir-rapport. Izdea f'dawn il-limiti l-esponent indika iz-zoni imsemmija. Dawn iz-zoni huma dawk li fl-opinjoni tal-Perit Tekniku jikkorrispondu ghall-sub-paragrafi (14.0 (ii) sa (v)).

14.3 Illi dwar sub-paragrafu (14.0 (i)) dawk id-difetti fl-arji ittikkjati li kienu, u sa fejn kienu, jezistu qabel inbdiet l-eskavazzjoni fil-plot tal-konvenuti, il-konvenuti u s-

socjeta' kjamata fil-kawza ma jidhlu xejn fihom izda biss fil-partijiet li fl-opinjoni tal-esponent gew ippruvati li kibru.

14.4 Dwar dawk id-difetti barra l-limiti fid-dizinn fl-opinjoni tal-esponent, dawn il-hsarat mhumiex dovuti bl-ebda mod ghall-eskavazzjoni fil-plot tal-konvenuti. Madankollu dwar hsarat periferali vicin iz-zomi indikati izda mhux go fihom, il-Perit Tekniku sejjer jistudjhom u jezamina f'liema minnhom ghandhom xi responsabbilta' il-konvenuti u s-socjeta' kjamata fil-kawza, u jistghux ikunu ttrattati bhala estensjoni ta' difetti mibdijja fiz-zoni msemmija, u dan minhabba l-konfigurazzjoni tal-istruttura tal-atturi infisha.

14.5 Illi wara li wiehed jeskludi l-hsarat ta' sub-paragrafu (14.0 (i)), is-sehem tal-konvenuti u s-socjeta' kjamata fil-kawza huma (in-numri tad-difetti li jistghu ikunu koncernati fil-parentesi);

Zona "X" (1, 2, 3, 4, 5, 6, 8, 11, 13, 21, 23, 26, 27, 31, 32)

| | |
|---|---|
| Konvenuti | 25% |
| Kjamata fil-kawza | 75% |

Zona "Y" (b'Zona "X" imnehhija) (10, 12, 24, 25, 33)

| | |
|---|---|
| Konvenuti | 33% |
| Kjamata fil-kawza | 67% |

Zona "Z" (b'Zona "Y" imnehhija) – (9);

| | |
|---|---|
| Konvenuti | 25% |
| Kjamati fil-kawza | 75% |

**15.0 Analisi tad-difetti koncernati u sehem l-atturi.**

Illi udhud mid-difetti kienu jezistu qabel sar it-tahfir u kif intqal, fid-DVD kienu jidhru whud mid-difetti 34 u 31. Ma jistghax jonqos illi dawn kellhom ir-replika taghhom minn naha l-ohra ghand l-atturi, per ezempju il-konsentura mis-soll tal-kamra tal-banju tittarrag l-isfel setghet irreplikat ruhha internament fil-hajt fil-qasma fil-madum tas-soll 27. Il-post kellu certa eta u kien ghalhekk ghamel serhan (*settlement*) normali maz-zmien. Danminbarra l-effetti ta' xoghol ta' terzi fil-vicin. Fl-ewwel access l-esponent ra li kien hemm nuqqas ta'dekorazzjoni ricenti (ara ritratti PT7, PT10, PT11, PT12, u PT13). Minbarra dak li jkun qed jigri fis-serhan, bhal-tghasir ta' tjun, *shrinkage* tal-materjal tal-fili, u hwejjeg simili li jaffettwaw ukoll id-dekorazzjoni, ikun

hemm postijiet, partikolarment fil-blajjet u sollijiet ta' aperturi fejn dan is-serhan jipproduci kunsenturi.

15.1 Il-madum tac-ceramika biz-zmien jiddistakka, partikolarment jekk it-tajn fuq x'hiex ikun mqieghed ma jkollox adezjoni sufficjenti mal-hitan. Hekk per ezempju fir-ritratt PT1 it-tajn inqala kwazi interament mal-madum, hlief ghall-irkejjen. Jidher li dan il-madum tqieghed fi zmien meta t-tajn kien ikun b'siment mill-anqas, u wiehed kien jittama li jzomm ghal certu zmien. Illum il-bicca l-kbira juzaw kolol u *grout* apposta ghat-tqeghid u mili tal-fili. Illum ic-ceramika tqum wisq aktar mis-*sixpence* il-maduma ta' xi tletin sena ilu. Ghalhekk li l-madum tal-kamra tal-banju kien itaptap.

15.2 Issir referenza ghal dak li qal il-Perit Joseph Zerafa Boffa f'paragrafu (5.19) ta' dan ir-rapport.

"….

Nippreciza li dak li ghidt dwar il-konsenturi fil-hajt fil-bitha nterna li xehedt fuqhom fis-seduta nru. 16 mhinix qed nghid li kienu dovuti ghat-tqattiegh tal-blat u nghid li **dak il-hin il-qtugh tal-blat kien ghadu l-boghod. Dan qed nirreferi ghall-ewwel darba li dhalt fil-post.**

**Il-konsenturi kienu antiki.**

**Nghid li ma kienux dovuti ghax-xoghol tas-skavar. Nghid li kienu 'hairline cracks' li fl-opinjoni tieghi ma kienux dovuti ghall-eskavar, u deheru li kienu antiki.**

Bil-kelma "ikkonfermajt" dwar il-madum tal-kamra tal-banju nfisser li taptip u hassejtu jdamdam. Meta ghidt dwar l-irhama tal-landing li ma acettajthiex ridt infisser li ghidt lill-atturi u l-perit taghhom li ma kienx rizultat tax-xoghol ta' skavar.

**Nghid li fil-hitan tal-kamra tal-banju l-madum kullimkien kien itaptap, maqtugh u dan nghid li kien rizultat ta' xoghol hazin.**

……

**Il-madum tal-kamra tal-banju li kien itaptap kullimkien kien antic, zgur 'out of fashion'. Jiena habbadt ma kull hajt tal-kamra tal-banju.**

Qed nghid dwra il-kamra tal-banju li kienet kulur kannella. Barra tal-hajt donnhom anke tal-art ma kienux livell peress li kien hemm l-ilma, u kienu jidhru li mhux "even". Kien hemm ftit ilma, u rajt li kien hemm ftit "settlement".

Niccara li meta ghidt li kkonfermajt dan il-madum tal-hajt tal-kamra tal-banju mhux qed nghid li kien dovut ghall-iskavar, izda li qbilt li kien itaptap.

Bil-kliem "ma accettajthiex" eskludejt li kellu x'jaqsam l-iskavar. Jidhirli li l-Perit Muscat Azzopardi kien qallhom li l-blata fil-faccata ma ghandiex x'taqsam.

Il-makkinarju ghat-tqattiegh kien makkinarju zghir bir-roti J.C.B.

**Nghid li meta mort l-ewwel darba l-iskavar lanqas ma kien qabez in-nofs.**

Naqbel li l-ewwel darba li morna kien peress li Mrs Morino qaltilhom li t-thaffir kien qed icaqlaqilha l-figorini. Lili ma qalulix ilmenti ohra."

15.3 Ma jistghax jigi eskluz, anzi wisq probabbli li d-difetti fil-kamra tal-banju aggravaw u saru aktar evidenti. L-attur, Michael Morino qal a fol. 12 ta' dan ir-rapport;

"Bdejna naraw xi hsarat fiz-zewg kmamar tal-banju wara li sar il-hajt u dan peress li nkiser xi madum tal-hajt u madum maqtugh.

Nghid ukoll illi sadattant sewwejna l-madum tal-art tas-salott minbarra l-iskertings u ngulmajt bil-bennej il-blajjat tat-twieqi fejn kienu kkonsenturati.

Bajjadt il-bitha nterna, is-salott, u l-kamra tat-tfal u thallbu l-konsenturi.

Il-kamra tal-banju ma sewwejthiex.

**Id-difetti zdiedu**

Wara zviluppa hsara fil-pjan tat-tarag, dehru konsenturi fin-nofs.

Xi konsenturi li hallibt regghu bdew johorgu, pero' mhux daqs li kienu.

Il-blajjet tat-twieqi kien rifidhom il-bennej bil-puntali sakemm jaghmel il-moncotti izda wara li nehhihom, it-tieqa ta' isfel tinfetah iebsa peress li ddendlet il-blata. Nghid li t-tieqa kienet iebsa qabel saru l-puntali izda qabel sar it-tahfir kienet tinfetahli sew. Indunajna bil-konsenturi fis-saqaf tal-pjan xi tliet xhur/erbgha wara li sar it-thaffir. Il-madum tal-hajt tal-kamra tal-banju ndunajna li beda jinqatgha mill-ewwel u wara beda jinqasam.

Wara xi madum tal-kamra tal-banju ta' fuq kien ser jaqa' u nehhejtu. Kienu rawhom il-Perit u l-avukat tieghi f'okkazzjoni meta ltaqghu l-partijiet kollha."

U l-attrici qalet a foli. 13 u 14;

"jiena gibt lill-bennej tieghi d-dar u dan gab il-puntali u ghamilhom fit-tieqa tieghi. Qalli li nqasmet il-blata tat-tieqa bit-thaffir. Jiena rajtha l-blata maqsuma u kienet kwazi nizlet.
Inkiser ukoll l-iskirting ta' taht it-tieqa u nqasmu xi tliet madumiet tal-art tac-ceramika. Wara li gie r-ragel minn barra, konna kellimna lil ta' Aquilina.
Ahna sibna li kien hemm hsara ohra fil-kamra tal-banju ta' fuq u ta' isfel, fil-bir, u fil-pjan tat-tarag. Minkejja u kellimhom huma baqghu jhaffru.
…..
Sadattant kif ghidt bdew jidhru aktar hsarat. Huma sadattant kienu tellghu hajt li kien miftiehem mill-Periti, imma xorta baqghu jizdiedu l-hsarat.
……
Nghid minn mindu bdejna l-kawza zdiedu jidhru l-hsarat; fl-art tal-kamra, fil-hajt tal-kcina fil-madum; fil-kamra tas-sodda nfetah fil tal-madum; inqasam l-iskirting fl-intrata u zviluppaw konsenturi mal-hajt mill-iskirting, il-'landing' tat-tarag inqasam inqata' minn mal-hitan; il-madum tal-kamra tal-banju, bhal madum maqsum jew imwaqqa' u qed jergghu jinfethu l-konsenturi tal-bitha nterna u fuq hajt tal-verandah, li nkwantu ghal dak tal-bitha nterna konna digja kahhalnihom qabel. Hemm hsarat ukoll fil-hajt tal-kcina minn naha tal-bitha."

**15.4** Issir referenza ghal Dok. RMA020218A – Rapport tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi – fejn semma xi hwejjeg li ta' bilfors **gie infurmat mill-atturi bihom, u mhux kien jafhom bi scienzia propria.**

Hekk per ezempju, qal "Dawn il-hsarat tfaccaw recentement wara xoghol ta' tqatigh ta' blat …..".
ukoll "Il-hsarat…… tfaccaw wra li sar dan ix-xoghol …..", u, "Il-bir fil-bitha ta' wara nqasam u tilef l-ilma kollu.", u fit-4, "Gie nutat ukoll" sa "qed itaptap". "Dan irrizulta wara x-xoghol tal-qtugh tal-blat."

15.5 Jigri sikwit li dak li jkun ma jindunax b'certi dettalji (bhal kunsenturi rqaq) minkejja li jhares fid-direzzjoni taghhom spiss, izda meta jibda jfittex jibda jinduna b'hanfa hwejjeg li jkunu ilhom hemm. L-esponent jirrimarka li certi kunsenturi kienu verament *hair cracks* u trid attenzjoni u ghajnejn tajbin biex tarhom.

L-istess dwar il-madum itaptap. Mhux l-ewwel darba li perit (inkluz l-esponent) jezamina madum tac-ceramika mal-hitan li jinstema u jinhass itaptap, u minflok il-ftit li jindikawlu min ikunu nkarigawh, isib ruxxmata.

15.6 L-esponent huwa tal-opinjoni li kienu jezistu difetti fil-fond tal-atturi li uhud minnhom zdiedu bit-thaffir fil-blat tal-plot tal-konvenuti. Il-proporzjoni assenjata ghall-atturi tkun diskussa aktar l-isfel.

**16.0 Sehem il-partijiet fit-tiswija tad-difetti u rimedji**

**I**lli b'referenza ghad-difetti enumerati fiz-Zoni f'paragrafu (14.5) fl-opinjoni tal-Perit Tekniku sehem il-partijiet ghandu jkun skond it-tabelli segwenti, li juru persentaggi tal-ispejjez u cioe';

**A**% tal-atturi; **K**% tal-konvenuti; **M**% tal-insejjhini fil-kawza).

Uhud mir-rimedji jghoddu ghal numru ta' difetti fl-istess ambjenti;

16.1 Illi dwar **Zona X – A 100%, K 0%; M 0%,** hemm;

*11 Kien hemm moffa fl-angolu bejn il-hajt tal-bitha u s-saqaf, izda ma kienx hemm umdita fis-saqaf;*

16.2 Illi dwar **Sona X – A 50%; K 12.5%; M 37.5%,** hemm

1. Numru ta' konsenturi fil-hajt ta' wara tal-bitha interna;

31 Kunsenturi rqaq fil-hajt tal-bitha nterna mal-kmamar tal-banju, li l-konvenut jasserixxi li kienu jezistu minn qabel l-eskavazzjoni.

32 L-istess mal-hajt intern tal-hajt divizorju mal-konvenut fil-bitha, li l-konvenut jasserixxi li kienu jezistu minn qabel l-eskavazzjoni.

**Rimedju** (1, 31, u 32) Irid isir tikhil u zewg passati tibjib mad-dawra kollha tal-bitha nterna;

5 Fis-salott kien hemm ukoll konsenturi fil-hitan taht is-soll tat-tieqa;

6 Konsenturi djagonali mtarrga fil-hajt bejn is-salott u l-garaxx, bir-replika taghha n-naha tal-garaxx;

12 Konsenturi djagonali mal-hajt ta' mal-bitha nterna minn fuq / xellug (thares mill-kcina), sa isfel / lemin;

21 konsentura vertifikali fir-rokna bejn il-hajt divozorju u l-hajt ta' mal-kamra tas-sodda B/rm 2;

22d kien hemm konsentura rqieqa fis-soll tat-tieqa;

**Rimedju** (5, 6, 13, 21, u 22d) Irid isir mili tal-*hair-cracks* biz-zebgha, jew Polyfilla mhallta biz-zebgha. Titnehha z-zebgha zejda mill-ewwel b'bicca niedja. Peress li l-kunsenturi huma rqaq, xi differenzi zghar fil-kulur ma jatux kaz.

16.3 Illi dwar **Zona X – A 0%; K 25%, M 75%,** hemm;

2 Konsenturi fis-soll tat-tieqa tas-salott;

**Rimedju** (2) Irid isir mili tal-*hair-cracks* biz-zebgha. Titnehha z-zebgha zejda mill-ewwel b'bicca niedja.

3 Kunjardi mac-cavi tat-tieqa tas-salott – L-istess tieqa esebiet diffikolta biex tinghalaq peress li thokk mal-'frame' ta' taht.

**Rimedju** Isiru l-kunjardi bic-cavi ppuntaljata. Ic-cavi tigi invjata u maghtugha fuq il-*frame* tat-tieqa biex tilliberaha u tkun tista tinghalaq sew. Il-vojt rizultanti jintela' bil-*matic.* Id-dekorazzjoni jmur mal-kumplament tal-bitha nterna.

4 Fir-rokna tas-salott mal-bitha interna l-attur allega li bidel zewg madumiet peress li xxaqqu. L-iskirting kien imxaqqaq izda ma bidlux ghax gie mghotti bil-purtiera;

**Rimedju** L-atturi ghandhom jigu kkompensati ghax-xoghol involut, izda mhux ghall-madum li kellhom *spare.*

22a Fil-kamra tas-sodda B/rm2 kien hemm maduma tac-ceramika mxaqqa fis-soll tat-tieqa.

**Rimedju** Jinbidel il-madum tas-soll b'attenzjoni sabiex ma ssirx hsara lid-dekorazzjoni.

22b Zewg (2) kunjardi fil-fili tac-cavi tal-blata tat-tieqa, kif saru fil-blata tat-tieqa tas-salott ta' tahtha.

**Rimedju** Isiru l-kunjardi bic-cavi ppuntaljata. Id-dekorazzjoni jmur mal-kumplament tal-bitha nterna.

16.4 Illi dwar **Zona Y – A 50%, K 16.5%; M 33.5%,** hemm;

8 Fil-kamra tal-banju kien hemm 3 madumiet mxaqqa.

9 Madum imbewwaq il-barra.

10 Konsenturi djagonali mtarrga mal-madum tal-hajt ta' mal-kcina, u kien hemm numru ta' madum li meta jittaptap jistema vjot tahtu.

**Rimedju** Jinbidel il-madum tal-hajt tal-kamra tal-banju (*shower).*

12 fil-kcina kien hemm kosentura replika tal-kamra tal-banju.

**Rimedju** (12) Irid isir mili tal-*hair-cracks* biz-zebgha, jew Polyfilla mhallta biz-zebgha. Titnehha z-zebgha zejda mill-ewwel b'bicca niedja.

23 il-kamra tal-banju xi whud mill-madum itaptap.

24 Xi madum tal-hajt in-naha ta' fuq dehru mbewwqa.

26Fil-kamra tal-banju blokka ta' madum giet imnehhija mill-hajt ta' ma B/rm 2 ghax allegatament kienu ser jaqghu.

27 u kien hemm maduma mxaqqa fis-soll tat-tieqa.

**Rimedju** (23, 24, 26, 27) Il-madum tac-ceramika tal-hajt u ta' mal-banju u ta' mad-dawra tat-tieqa ghandu jinqala bil-galbu u jsir mill-gdid. Fittings imdahhlin fil-hajt ghandhom jibqghu fil-post. Plumbing fittings fil-hajt jinqalghu temporanjament, u jitqieghdu wara li jsir il-madum.

16.5 Illi dwar **Zona Y – A 100 %; K 0%, M 0%,** hemm;

*25 L-attur lmenta li kien jidhol l-ilma mill-hajt tal-bitha.*

*33L-attur ilmenta minn tnixxija ta' ilma fl-art tal-kamra tal-banju (ta' fuq) u qal li kellu kanna fil-hajt in-naha ta' isfel (ara 25)*

**17.0 Dwar il-pretensjonijiet attrici**

Illi l-atturi pprezentaw Doki TA040701A sa 1. Dwar il-kontijiet minnhom il-parti l-kbira mid-dettalji moghtija mhux applikabbli la ghall-konvenuti u lanqas ghas-socjeta' msejjha fil-kawza.

17.1 Fost id-dokumenti mhux applikabbli hemm;

Dok. TA040701**A** u **B**, (skond l-affidavit tal-attrici **5a** u **5b**), li peress li "tiswija ta' zewg blajjet" u "tikhil fil-bitha b'zewg passati zebgha ukoll" m'ghandhomx il-prezz separat;

Dok. TA040701**C** u **D**, (skond l-affidavit tal-attrici **4**), ricevuta u dettalji ghal LM73.40 li hija zebgha wzata fid-dar tal-atturi inkluzi f'postijiet mhux konnessi;

Dok. TA040701**E** u **F**, (skond l-affidavit tal-attrici **3**), lista bil-prezzijiet ta' oggetti tal-*plumbing* li mhumiex konnessi;

Dok. TA040701 **G**, (skond l-affidavit tal-arrtici **1a**), ricevuta tal-"Helpful Ironmongery" ghal LM1050 in konnessjoni l-aktar mad-dokument segwenti;
Dok. TA040701 **H,** (skond l-affidavit tal-attrici **1b**), kont tas-sett tal-kamra tal-banju;
17.2 Dwar Dok. TA040701**I**, (skond l-ircevuta tal-attrici **2**), kopja ta' rcevuta fiskali ta' certu Caruana (isem illegibbli) fl-ammont ta' LM215 datata 21-11-2003 ghal "TILE LAYER", mhux imsemmi x'madum hu u fejn hu, u xi kwantita u b'liema prezz imnehhi u mqieghed, izda l-esponent qed jifhem li hu ghal kamra tal-banju ta' fuq u jinkludi t-tnehhija u t-tqieghid tal-madum kemm mal-hitan kif ukoll mal-art.
17.3 Illi dar il-bdil tal-kamra tal-banju ta' fuq l-esponent huwa tal-opinjoni li l-hsara li ghaliha huma risponsabbli l-konvenuti u l-kjamati fil-kawza hija biss dik fil-madum tal-hajt. Ghalhekk id-dokumenti li semmiet l-attrici fl-affidavit taghha ma jidhlux.
17.4 Issir referenza ghal Dok A a fol. 6 tal-process. Dan huwa stima tal-perit tal-atturi, il-Perit Ronald Muscat Azzopardi. L-esponent sejjer jikkummenta fuq din l-istima;
17.5 Isegwi lista tal-hwejjeg approvati mill-esponent bhala li ghandhom x'jaqsmu fihom il-konvenuti u l-kjamati fil-kawza. Bhala ammonti jigu mahduma l-quddiem.
1 Fuq dan, wiehed isemmi li kienu nvoluti massimu ta' 3 madumiet tal-art li kellhom jinbidlu ma madum li kellhom *spare* l-atturi: .33 x .33 x3No. = .33 metri kwadri. Bhala tnehhija u tqeghid dan ix-xoghol ghandu jithallas bhala mimimu ta' metru kwadru.
2(a) Tiswija tal-bir – mhux approvat
2(b) Dawn kienu jinvolvu zewg kunjardi kull wahda fic-cavi tal-blata, 4 kunjardi u ppuntaljar tal-blajjet – approvat.
2(c) Tikhil u zebgha fil-bitha – approvat
2(d) Tikhil u zewg passati zebgha fis-salott u l-kamra ta' fuqu – mhux approvat, izda stukkjar biz-zebgha biss.
3(a) Kamra tal-banju – Bdil tal-madum tal-hajt biss approvat.
3(b) Kamra tax-*shower* – Bdil tal-madum tal-hajt biss approvat.

**18.0 Stima u taqsim ta' spejjes ta' xi xoghlijiet rimedjali.**

Illi ssegwi *spreadsheet*, **S3527-1,** bix-xoghlijiet rimedjali li ghandhom isiru bl-ammonti maqsuma bejn il-partijiet skond ir-risponsabbilita taghhom.
Dawn huma maqsuma skond dak li ntqal f'paragrafi (16.0 et *sequitur*). Fejn il-konvenuti u / jew il-kjamati fil-kawza m'ghandhomx risponsabbilita' ma jissemmewx."
Illi l-perit tekniku wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet :
"Illi l-Perit Tekniku, wara li ezamina l-process u l-provi tal-partijiet, kif ukoll id-dokumenti esebiti, ra s-sottomissjonijiet tad-difensuri u rridiga dan ir-rapport, huwa tal-opinjoni illi :
(i) L-atturi sofrew danni kawzati mill-konvenuti.
(ii) Dawn id-danni kienu pre-ezistenti u gew aggravati mit-tahfir fil-plot tal-konvenuti.
(iii) Sar ftehim bejn l-attrici u l-konvenuta fil-prezenza tal-Perit Joseph Zerafa Boffa li ma jithallewx iz-zewg piedi u nofs (2'6") mill-hajt divozorju fit-tahfir tal-blat.
(iv) Il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi is-somma ta' hames mija u sitta w hamsin Ewro u hames centezmi **(Ewro 556.05)** inkluza l-VAT bhala sehemhom mid-danni sofferti mill-atturi.
(v) Is-socjeta' msejha fil-kawza, Ballut Blocks Limited ghandha thallas lill-atturi s-somma ta' elf u mitejn Ewro u disgha u tmenin centezmu **(Ewro 1200.89)** inkluza l-VAT bhala sehemhom mid-danni sofruti mill-atturi.
(vi) L-atturi irrangaw il-bicca l-kbira tal-hsarat li kienu qed jilmentaw minnhom fil-mori tal-kawza."
Illi wara li l-Qorti ezaminat sew il-konkluzjonijiet illi ghalihom wasal il-perit tekniku minnha innominat tiddikjara illi taqbel mal-istess konkluzjonijiet u dan peress illi r-rapport ta' l-imsemmi perit tekniku gie radatt skond it-teknika, u ghalhekk qeghda taddotta l-istess rapport u taghmlu bhala taghha.
Illi l-Qorti tinsab ukoll konfortata mill-fatt illi hadd mill-partijiet ma talab ghall-hatra ta' periti addizzjonali, izda illimitaw ruhhom sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet fejn ressqu xi kritika ghar-rapport tal-perit tekniku.
Ikkunsidrat :
Illi is-socjeta' kjamata in kawza u il-konvenuti ghandhom ragun fis-sens illi qeghdin jargumentaw illi una volta l-atturi fic-citazzjoni taghhom ma talbux lill-Qorti sabiex

tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi somma ta’ danni li tigi likwidata, il-Qorti ma tistax tmur oltre dak mitlub fic-citazzjoni u takkorda hlas ta’ danni lill-atturi.
Illi huwa minnu wkoll illi l-atturi ezegwew uhud mix-xogholijiet riparatrici huma stess u dana minghajr ma kienu awtorizzati mill-Qorti sabiex jaghmlu dan, u ghalhekk f’dan l-istadju il-Qorti ma tistax tordna lill-konvenuti sabiex jikkumpensawhom ta’ dawn ix-xogholijiet illi ghamlu peress, illi kif diga intqal, l-atturi fic-citazzjoni taghhom ma talbux ghall-hlas ta’ danni minghand il-konvenuti, jew minghand is-socjeta’ kjamata in kawza.
Ikkunsidrat :
Illi in kwantu ghall-eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi la darba inkarigaw persuni ta’ sengha biex jaghmlu xogholijiet, huma ma ghandhomx jinzammu responsabbli ghall-hsarat sofferti minn terzi, izda ghandhom ikunu l-persuni li ghamlu ix-xoghol li jinzammu responsabbli ghall-istess, il-Qorti rat sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell inferjuri tal-5 ta’ Marzu, fil-kawza fl-ismijiet Roberta Fenech Gauci vs Korporazzjoni dwar is-Servizz ta’ l-Ilma u l-kjamat in kawza Middlesea Insurance plc fejn il-Qorti qalet :

“Illi huwa minnu illi d-disposizzjoni relattiva tal-ligi taht il-Kodici taghna (Artikolu 1037) tiffonda r-responsabilita` f’min ihaddem jew fil-kommittent fuq il-principju tal-kolpa dovuta ghall-ghazla tad-dipendenti (*culpa in eligendo*).”

B’danakollu, dik l-istess disposizzjoni tipprovdi mbaghad ghall-alternattiva ta’ l-ezami oggettiv tar-rizultanzi istruttorji, apparti dik soggettiva bl-uzu tal-preposizzjoni “jew”.

Illi l-Qorti kompliet tghid hekk :

“Imprexxindibbilment minn nozzjoni tal-culpa in eligendo jidher li hu l-orjentament gurisprudenzjali ta’ dawn l-ahhar snin illi r-responsabilita` fil-kommittent jew f’min ihaddem hi wkoll presupposta ghall-kondotta produttiva tad-dannu tal-persuna inkarigata mix-xoghol jew tad-dipendenti tieghu. (Vide sentenza ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Ottubru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet “Michael Balzan vs Lawence Ciantar nomine” u sentenza ta’ din il-Qorti tat-12 ta’

Dicembru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet "Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et").

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti, peress illi taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku minnha mahtur, tara illi minkejja il-fatt illi l-konvenuti ma jistghux jigu ikkundannati jhallsu d-danni minnhom ikkagunati lill-atturi, ma hemm xejn xi jzomm lill-Qorti milli tordnalhom sabiex jezegwixxu ix-xogholijiet rimedjali kif hemm miktub fic-citazzjoni.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, kif ukoll ghar-ragunijiet kollha imsemmija fir-rapport tal-Perit Tekniku, il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tichad ukoll l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza Ballut Blocks Ltd, tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-25 % tad-difetti fiz-zona X kif spjegat dettaljatament fir-rapport tal-perit tekniku u illi il-kjamati fil-kawza huma responsabbli ta' 75 % tad-danni ikkagunati mill-atturi fiz-zona X hekk kif indikat fir-rapport. Il-Qorti tiddikjara illi ghal dak illi jirrigwarda iz-zona Y b'zona X imnehhija il-konvenuti huma responsabbli ghal 33 % tad-danni ikkagunati lill-atturi, waqt illi l-kjamati fil-kawza huma responsabbli ta' 67 % ta' dawn id-danni. Illi ghal dak illi jirrigwarda iz-zona Z b'zona Y imnehhija, dejjem kif spjegat dettaljatament fir-rapport tal-perit tekniku, il-konvenuti huma responsabli ghall-25 % tal-hsarat kagunati lill-atturi, waqt illi il-kjamati fil-kawza huma responsabbli ta' 75 % ta' dawn l-istess danni. Ghalhekk il-Qorti ghal dak illi jirrigwarda it-tielet talba attrici, qeghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex, dejjem sal-grad ta' responsabbilta rispettiv taghhom kif gie dikjarat mill-Qorti, fi zmien tlett xhur mil-lum jaghmlu dawk ir-riparazzjonijiet kollha mehtiega sabiex jirrimedjaw ghad-danni sofferti mill-atturi, kif deskritt dettaljatament mill-perit tekniku fir-rapport tieghu u senjatament a fol. 172 sa fol. 176 tal-process, u dan taht id-direzzjoni u sorveljanza tal-Perit Joseph Ellul Vincenti li qieghed jigi mahtur mill-Qorti ghal dan il-ghan. Il-Qorti fin-nuqqas qeghda tawtorizza lill-atturi sabiex jezegwixxu huma stess ix-xogholijiet ta'

riparazzjoni mehtiega taht id-direzzjoni u sorveljanza tal-Perit Joseph Ellul Vincenti a spejjez tal-konvenuti. Bl-ispejjez kif mitluba in kwantu ghal terz ibaghtuhom il-konvenuti u ghal zewg terzi tbaghtihom is-socjeta' kjamata in kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------